MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Numru 328/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NADIA LANZON**

**VS**

**CHARLES GOUDER**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charles Gouder, ta' 33 sena, bin Carmelo u Doris nee' Mallia, imwieled nhar il-5 ta' Lulju, 1971, u residenti fil-Blokk A, Flat 15, Housing Estate, Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 413372 (m);

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Awissu, 2003 gewwa Birzebbuga, bejn il-hinijiet tas-7.00am, u t-8.00am, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun

jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, u cioe' lil PS 853 Frankie Sciberras, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkun jagixxi ghall-esekuzzjoini tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a), u l-Artikolu 98 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' vettura tal-pulizija, u cioe' Skoda Favorit bin-numru tar-registrazzjoni GVP 395 li l-valur taghha jacedi l-Lm100.00 (mitt lira maltin), ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa, *ai termini* tal-Artikolu 261 (a) (c) (g), l-Artikolu 262 (1)(a), u l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' ikkaguna hsara fuq il-vettura Skoda Felicia bin-numru tar-registrazzjoni GVP 395, liema hsara tammonta ghal izjed minn Lm50.00 (hamsin lira maltin), izda inqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin), *ai termini* tal-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoluk 96 (a), u l-Artikolu 98 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 261 (a)(c)(g), l-Artikolu 262 (1)(a), u l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Charles Gouder hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien tmintax(18)-il xahar, sospizi ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta’ ufficcjal tal-*Probation*, *ai termini* tal-Artikolu 28 G, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------